# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **284/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**GAETANO SCHEMBRI**
[K.I. NRU. 123696M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-25 ta' Gunju, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' hames mija, tlieta u erbghin ewro u hames ewro centezmi (€543.05c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 40505860, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 2133/2016) u kif ukoll l-imghaxxijiet legali dekorribbli mid-9 ta' Novembru, 2016 li hija d-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal tal-21 ta' Novembru, 2018, tramite nota, l-attrici gharrafet lit-Tribunal li l-konvenut kienet hallas l-ammont ta' €80.25c mill-ammont mitlub ta' €543.05c (ara *a fol*. 20). Ghalhekk, l-ammont in kontestazzjoni huwa ta' erbgha mija, tnejn u sittin ewro u tmenin ewro centezmi (€462.80c), apparti l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur. Dan gie ukoll registrat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza bil-gurament tar-rapprezentant tal-kumpannija attrici fejn hemm dan: "*Dehret Maryanne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' Attrici li, bil-gurament, somministat seduta stante, iddikjarat illi fil-mori tad-differiment il-Konvenut Gaetano Schembri hallas akkont l-ammont ta' EUR80.25 mill-ammont mitlub f'dawn il-proceduri cioe' ta' EUR543.05 u li, ghalhekk, fadal l-ammont bilancjali ta' EUR462.80 dovut mill-Konvenut lill-Attrici.*" (ara *a fol*. 21).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2018 *a fol*. 21) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, minn rajh, hallas cifra akkont fl-ammont ta' €80.25c direttament lill-istess attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament ta' €80.25c imwettaq mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, mal-kumpannija attrici kreditrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-sorte rimanenti ta' €462.80c (i.e., bhala interessi moratorji *ex* Art. 1141(1) tal-Kodici Civili kombinat ma' l-Art. 1130(1) ta' l-istess Kodici) ikunu attribwiti lill-konvenut. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenut ta' parti mid-dejn originali, hu attitra lejh l-obbligu accessorju li jindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici tieghu ghall-irkupru tal-kreditu u kif ukoll li jissalda l-imghax mitluf mill-istess kreditrici fuq l-imsemmi kreditu mid-data li gie mpoggi *in mora* b'missiva gudizzjarja.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjetà attrici s-somma, kif ridotta, ta' erbgha mija, tnejn u sittin ewro u tmenin ewro centezmi

(€462.80c), bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% mid-9 ta’ Novembru, 2016 (data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali nru. 2133/2016[1]) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta ma’ l-ittra ufficjali bin-numru 2133/2016, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[1] Dwar id-dekorrenza ta’ imghax precedenti talba gudizzjarja (i.e., kawza), it-Tribunal jissenjala dan it-tghalim tal-qrati taghna: *in re* **O’Connor v. Bruno Olivier** (riportata f’*Kollez*. Vol. XVI-I-p84); *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta’ Marzu, 2003); *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone** (Appell Inferjuri, 17 ta’ Frar, 2003); *in re* **Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon** (Qorti tal-Kummerc, 16 ta’ Frar 1954; riportata f’*Kollez*. Vol. XXXVIII-III-642); *in re* **Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe** (Appell Superjuri, 5 ta’ Ottubru, 2001); *in re* **Albert Mallia v. Albert Camilleri et** (Appell Superjuri, 1 ta’ Dicembru, 2014); *in re* **Konnekt Talent Search & Selections Co Ltd v. Avantgarde Holdings Ltd** (Appell Inferjuri, 24 ta’ Gunju, 2015); u *in re* **TGS Company Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 18 ta’ Lulju, 2017).